# Is-Sitta u Għoxrin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Jekk il-midneb jerġa' lura mid-dnub, isalva ruħu.*

Eżek 18, 25-28

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Eżekjel**

Dan jgħid il-Mulej:

25«Intom tgħidu: "M'hijiex sewwa l-imġiba tal-Mulej!" Issa isimgħu,
dar Iżrael: Forsi l-imġiba tiegħi m'hijiex sewwa? Mhux l-imġiba
tagħkom li m'hijiex sewwa?

26Jekk wieħed ġust jitbiegħed mill-ġustizzja tiegħu u jagħmel
il-ħażen, u jmut minħabba dan, minħabba ħżunitu jkun miet.

27Imma jekk il-midneb jerġa' lura mid-dnub li jkun għamel, u jagħmel
il-ħaqq u l-ġustizzja, hu jsalva ruħu. 28Għax ikun intebaħ u reġa' lura
mid-dnubiet kollha li jkun għamel, u jibqa' ħaj u ma jmutx.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 24 (25), 4-5.6-7.8-9

R/. (6a): Ftakar fil-ħniena u t-tjieba tiegħek, Mulej

4 Triqatek, Mulej, għarrafni,
il-mogħdijiet tiegħek għallimni.
5 Mexxini fis-sewwa tiegħek u għallimni,
għax int Alla tas-salvazzjoni tiegħi.
Għalik nixxennaq il-jum kollu. R/.

6 Ftakar fil-ħniena u fit-tjieba tiegħek,
għax huma minn dejjem, Mulej.
7 Tiftakarx fil-ħtijiet u fid-dnubiet ta' żgħożiti:
inti tajjeb, Mulej;
ftakar fija skond it-tjieba tiegħek. R/.

8 Tajjeb u sewwa l-Mulej;
għalhekk juri triqtu lill-ħatja.
9 Imexxi l-imsejkna fis-sewwa,
jgħallem lill-fqajrin it-triq tiegħu. R/.

# Qari II

*Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù.*

Fil 2, 1-11

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin**

Ħuti, [1]jekk hemm fikom xi faraġ fi Kristu; jekk hemm xi kelma ta'
ħlewwa fl-imħabba; jekk hemm xi xirka fl-Ispirtu; jekk hemm xi
ħniena u mogħdrija; kunu fehma waħda [2]u mlewni bil-ferħ! Ħa
jkollkom l-istess imħabba, u ruħ waħda u ħsieb wieħed.

[3]Tagħmlu xejn b'pika ta' partit, anqas għall-ftaħir fieragħ; imma
kunu umli u kull wieħed minnkom iqis lill-ieħor aħjar minnu. [4]Ħadd
minnkom ma għandu jfittex li jaqbillu, imma li jaqbel lil ħaddieħor.

[5]Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù:
[6]hu li għad li kellu n-natura ta' Alla,
ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla,
[7]iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir;
sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem;
[8]ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt,
anzi sal-mewt tas-salib.
[9]Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet u
żejnu bl-isem li hu fuq kull isem,
[10]biex fl-isem ta' Ġesù
- fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art -
il-ħlejjaq kollha jinżlu għarkubbtejhom,
[11]u kull ilsien jistqarr:
«Ġesù Kristu hu l-Mulej,»
għall-glorja ta' Alla l-Missier.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

*Jew il-forma l-qasira*

## Qari II

***Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù.***

Fil 2, 1-5

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Filippin**

Ħuti, [1]jekk hemm fikom xi faraġ fi Kristu; jekk hemm xi kelma ta'
ħlewwa fl-imħabba; jekk hemm xi xirka fl-Ispirtu; jekk hemm xi
ħniena u mogħdrija; kunu fehma waħda [2]u mlewni bil-ferħ! Ħa
jkollkom l-istess imħabba, u ruħ waħda u ħsieb wieħed.

[3]Tagħmlu xejn b'pika ta' partit, anqas għall-ftaħir fieragħ; imma
kunu umli u kull wieħed minnkom iqis lill-ieħor aħjar minnu. [4]Ħadd
minnkom ma għandu jfittex li jaqbillu, imma li jaqbel lil ħaddieħor.

[5]Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 10, 27

Hallelujah. R/. Hallelujah
In-nagħaġ tiegħi jisimgħu leħni,
u jiena nagħrafhom, u huma jimxu warajja.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Il-pubblikani jaslu qabilkom fis-Saltna ta' Alla.*

Mt 21, 28-32

## ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lill-qassisin il-kbar u lix-xjuħ tal-poplu:
[28]«Intom x'jidhrilkom? Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied. Resaq
fuq il-kbir u qallu: "Ibni, illum mur aħdem l-għalqa tad-dwieli."
[29]U dak qallu: "Ma rridx." Iżda mbagħad biddel il-fehma u mar.
[30]Resaq fuq l-ieħor u qallu l-istess. "Arani sejjer, sidi," qallu dan,
u ma mar xejn. [31]Min minnhom it-tnejn għamel kif ried il-missier?»
«L-ewwel wieħed,» weġbuh. U qalilhom Ġesù: «Tassew,
ngħidilkom, li l-pubblikani u n-nisa tat-triq deħlin qabilkom
fis-Saltna ta' Alla. [32]Għax Ġwanni ġie għandkom miexi fit-triq
tal-ġustizzja, u intom ma emmintuhx iżda l-pubblikani u n-nisa
tat-triq emmnuh; u għalkemm intom rajtu dan kollu, bqajtu sa l-
aħħar ma biddiltux il-fehma tagħkom, u ma emmintuhx.»

**Il-Kelma tal-Mulej**

℟. Tifħir lilek Kristu